MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 19/2002

**Antonio Giannetti**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar u b'digriet tat-18 ta' Frar 2003, l-Avukat Dr. Joseph M. Sammut gie awtorizzat jintervjeni fil-kawza *'in statu et terminis'*.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-ppell ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar a fol. 39 tal-process fejn gie premess:-

1. Illi d-decizjoni permezz ta' decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar fl-erbatax (14) ta' Gunju 2002 relattiv ghall-appelli numru PAB 569/97KA; PAB 570/97KA, PAB 550/98E KA; PAB 415/00E KA; PA 2936/96; PA 6771/96; ECF 773/98 u ECF 1039/00, kopja hawn annessa u mmarkata Dok. "IJS 1", l-istess Bord

iddecieda billi cahad l-appelli kollha nterposti mill-appellant Giannetti, u kkonferma r-ragunijiet tar-rifjut moghtija fl-applikazzjonijiet numri PA 2936/96 u PA 6771/96 mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp, jikkonferma l-avvizi biex tieqaf u ta’ twettiq numri ECF 773/98 u ECF 1039/00 u jordna li l-avvizi ta’ twettiq ECF 773/98 u ECF 1039/00 jigu fis-sehh fi zmien sittax-il (16) gurnata mill-lum.

2. Illi f’fol. 63 u 64 tad-decizjoni tieghu, il-Bord wasal ghall-konkluzjoni illi d-Direttorat ikkommetta zball gravi peress illi skond il-Ligi (artikolu 33 (1) ta’ l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp) l-istess direttorat kellu jinforma lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp bl-oggezzjoni tat-*third party objector,* liema nformazzjoni, skond l-istess Bord, id-Direttorat ma tax lill-Kummissjoni, bir-rizultat, fi kliem l-istess Bord, li l-Kummissjoni giet *zgwidata* meta hija harget il-permess.

Illi l-esponent thoss ruhha aggravata minn din id-decizjoni u ghaldaqstant qeghda tinterponi dan l-Appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

1. Illi bir-rispett kollu, il-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar iddecieda hazin u nterpreta l-provvediment tal-Ligi hazin meta huwa wasal ghall-konkluzjoni illi d-Direttorat zgwida lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u kiser il-provvediment ta’ l-**artikolu 33 (1) ta’ l-Att ta’ l-1992**;

2. Illi jirrizulta bhala fatt illi minkejja li tali osservazzjonijiet rigward l-*objection* tat-*third party* li ma saritx fid-DPA *report,* id-*Development Control Unit Manager,* il-Perit Gorg Cilia, b’minuta fil-*file* iggib id-data tal-31 ta’ Mejju 1994, baghat l-applikazzjoni bir-rapport b’kollox lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u ghamel referenza diretta ghall-ittra ta’ oggezzjoni tat-*third party* hawn fuq imsemmija sabiex gabha a konjizzjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp qabel ma ttiehdet id-decizjoni dwar l-applikazzjoni;

3. Illi ghaldaqstant, l-istess Direttorat gab a konjizzjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp l-oggezzjoni mressqa mit-terza persuna, u ghaldaqstant, l-argument tal-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar huwa kompletament zbaljat kemm bhala fatt, kif ukoll fl-interpretazzjoni tieghu tal-provvedimenti ta’ l-**artikolu 33 ta’ l-Att ta’ l-1992;**

4. Illi minkejja dawn l-osservazzjonijiet u konkluzjonijiet milhuqa mill-istess Bord, l-istess osservazzjonijiet u konkluzjonijiet ma kellhomx rabja jew relevanza ghad-decizjoni konklussiva ta’ l-istess Bord, li effettivament cahad l-appelli nterposti mill-appellant u kkonferma l-avvizi biex tieqaf u ta’ twettiq mahruga mill-awtorita` esponenti, u ghaldaqstant, id-decizjoni konklussiva ta’ l-istess Bord hija gusta u timmerita konferma, *stante* li tali decizjoni hija bbazata fuq fatti, cirkostanzi u osservazzjonijiet li m’ghandhomx x’jaqsmu xejn ma’ dak li qeghda tilmenta minnu l-awtorita` esponenti.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-esponenti bir-rispett kollu titlob li din l-Onorabbli Qorti ghandha tirriforma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar fl-erbatax (14) ta’ Gunju 2002 fl-ismijiet premessi, billi thassar u tirrevoka dik il-parti fejn iddecidiet illi d-Direttorat fi hdan l-awtorita` esponenti zgwida lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u li nkisru l-provvedimenti ta’ l-**artikolu 33 (1) ta’ l-Att ta’ l-1992**, u tikkonferma fil-kumplament fejn l-istess Bord cahad l-appelli nterposti mill-appellant Antonio Giannetti u kkonferma l-avvizi biex tieqaf u ta’ twettieq mahruga mill-awtorita` esponenti.

Rat id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell datata 14 ta’ Gunju 2002;

Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghar-rikors ta’ l-appell ta’ Antonio Giannetti fejn intqal is-segwenti:-

1. Illi permezz ta’ decizjoni moghtija fl-erbatax (14) ta’ Gunju 2002, l-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar cahad l-erba` appelli nterposti quddiemu mill-appellanti Giannetti,

ikkonferma r-ragunijiet tar-rifjut moghtija fl-applikazzjoni numri PA 2936/96 u PA 6771/96 mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp, u kkonferma l-avvizi biex tieqaf u ta’ twettieq numri ECF 773/98 u ECF 1039/00, u ordna li l-istess avvizi ta’ twettieq jigu fis-sehh fi zmien sittax-il (16) gurnata mill-lum;

2. Illi l-appellant, Antonio Giannetti nterpona dan l-appell mid-decizjoni hawn fuq imsemmija tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar;

3. Illi preliminarjament, jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null *stante* li mhux qed isir skond l-artikolu 15 (2) ta’ l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp (Kap. 356) li jghid hekk:-

*“Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta’ ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta’ l-Appell (Kompetenza Inferjuri).”*

Fil-fatt huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dan ghandu jsir minn punti ta’ ligi li jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem il-Bord u li jkunu gew decizi mill-istess Bord.

Dan kien konfermat diversi drabi b’sentenzi ta’ din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **“Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (decizjoni tal-31 ta’ Mejju 1996) fejn gie spjegat li:-

*“Din il-Qorti tista` tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta’ dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m’hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta’ fatt, fuq kwistjonijiet ta’ apprezzament ta’ provi …… Biex appell ikun ammissibbli, il-kwisjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta’ dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata.”*

Illi fil-kaz in ezami l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ma ddecieda l-ebda punt ta’ ligi, kif anke jirrizulta mill-istess rikors ta’ l-appell fejn huma bbazati fuq konstatazzjonijiet ta’ fatt maghmula mill-istess Bord, u ma hemm l-ebda

punt ta’ Ligi msemmi li gie, jew seta` jigi deciz mill-istess Bord.

*Inoltre* huwa ben risaput li l-interpretazzjoni tal-ligijiet u regoli dwar l-ippjanar tinsab fid-diskrezzjoni tal-Bord ta’ l-Appell, li huwa kompost, *inter alia,* minn persuni teknici u esperti fil-qasam ta’ l-ippjanar. Dan il-principju. Jigifieri li l-interpretazzjoni tal-ligi maghmula mill-Bord m’hijiex sindakabbli, kien konfermat regolarment mill-gurisprudenza ta’ din l-Onorabbli Qorti (cf Dr. Alfred Grech vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar – sentenza tal-31 ta’ Mejju 1996 – Appell Numru 93/94). Ghalhekk il-Bord ta’ l-Appell ghandu diskrezzjoni sabiex jinterpreta tali legizlazzjoni u japplikaha ghall-fatti li jingiebu quddiemu, u din l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi ghall-fatti ma tistax tigi riveduta minn organu gudizzjarju iehor.

Altrimenti din l-Onorabbli Qorti tkun qeghda tissostitwixxi id-diskrezzjoni tal-Bord ta’ l-Appell u b’hekk tagixxi ta’ tribunal tat-tielet istanza. Dan kien konfermat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza **“Angelo Farrugia vs Chairman ta’ l-Awtorita` ta' l-Ippjanar”** (decizjoni ta’ l-24 ta’ April 1996) kif ukoll *f’diversi sentenzi ohra fosthom* **“Zaren Camilleri vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar”** (decizjoni tat-28 ta’ Frar 1997 – Qorti ta’ l-Appell) *fejn il-Qorti qalet illi:-*

*“Johrog car minn din id-dispozizzjoni (u cjoe` l-artikolu 15 (2) ta’ l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp) li l-gurisdizzjoni li nghatat lil din il-Qorti nli tissindika l-operat tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta’ ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta’ fatt. U biex appell fuq punt ta’ dritt ikun ammissibbli, l-istess punt ta’ dritt irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi kliem iehor biex ikun hemm lok ghal appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellata semplici applikazzjoni ta’ ligi ghall-fatti tal-kawza jew semplici enuncjazzjoni ta’ ligi, izda nvece irid ikun hemm kwistjoni ta’ dritt li holqot vertenza jew diskussjoni u li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta.”*

L-istess insenjament kien kif ukoll f'sentenza ricenti u cjoe` **"Delicata vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (decizjoni tal-31 ta' Mejju 2002 – appell numru 165/97 – Qorti ta' l-Appell) fejn din l-Onorabbli Qorti sostniet illi l-appellant kien qed jirribadixxi kwazi testwalment in-nota ta' sottomissjonijiet li kien ipprezenta quddiem il-Bord u jippretendi li din il-Qorti ta' l-Appell tiddeciedi dwar dawn il-punti teknici. F'din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"Evidentement din il-Qorti m'ghandha l-ebda setgha u gurisdizzjoni li taghmel dan, billi s-sottomissjonijiet li saru mill-appellant jirrigwardaw fatti u nterpretazzjonijiet ta' policies li ma jirrisolvux ruhhom f'punti ta' dritt. Kif diga` ntqal, il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti f'dawn l-appelli statutorji hija limitatissima u certament hija m'ghandhiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghad-diskrezzjoni tal-Bord fuq dawn il-punti teknici li jikkostitwixxu biss punti ta' fatt li ghalhekk ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti."*
Illi meta wiehed iqis it-tieni, it-tielet u r-raba` aggravju, huwa car illi l-appellant qieghed jitlob li din l-Onorabbli Qorti tissindaka l-apprezzament fattwali maghmul mill-istess Bord, *stante:-*

- It-tieni aggravju huwa bbazat fuq l-interpretazzjoni maghmula mill-Bord tal-pjanti approvati mal-permessi li l-istess appellant kellu;

L-istess aggravju jidhol fil-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni maghmula mill-Bord dwar l-operat tal- bosta magni u apparat li jinsabu fis-sit mertu tal-vertenza odjerna, bhal fost ohrajn jekk b'magna tar-ravjul wiehed jistax jaghmel tortellini.

- It-tielet aggravju huwa bbazat fuq il-konsiderazzjoni li l-Bord ma laqax is-sottomissjonijiet maghmula mill-appellant u cahad l-istess appell – bhal li kieku mhux hekk kellu jsir jekk il-Bord ma jilqax l-appell!

- Ir-raba` aggravju huwa bbazat fuq konstatazzjoni fattwali ohra dwar id-distinzjoni bejn *confectionery goods*

u ravjul, ghal darb'ohra fuq l-ilment illi l-Bord ma laqax is-sottomissjonijiet ta' l-appellant.

4. Illi jekk wiehed iqis l-ewwel aggravju, johrog izjed lampanti in-nuqqas ta' fondatezza legali ta' l-appell interpost quddiem din l-Onorabbli Qorti. Dan ghaliex il-Bord bilfors kellu jidhol fil-kwistjoni tal-permessi li l-fond in kwistjoni kien munit bih peress illi d-difiza ta' l-istess appellant kienet illi l-avvizi biex tieqaf u ta' twettieq in kwistjoni kellhom jigu rtirati *stante* li l-istess fond kien munit bil-permessi. Minhabba d-difiza, il-Bord bilfors kellu jidhol fil-mertu tal-permessi li kienu vigenti biex jigi stabbilit x'tip ta' permess l-istess fond kien munit bih.

*In vista* tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell datata erbatax (14) ta' Gunju 2002 u tirrizerva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, Ignatius Attard, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-erbatax (14) ta' Gunju 2002, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat ir-rikors ta' Dr. Joseph M. Sammut datat 12 ta' Lulju 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex tawtorizzah jintervjeni fl-atti tar-rikors ta' appell fl-ismijiet premessi *in statu e terminis* u jigi moghti l-fakolta` li jipprezenta risposta ghalfejn dan l-appell m'ghandux jigi akkolt.

Rat id-digriet tat-18 ta' Frar 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba sabiex ir-rikorrent jigi ammess *in statu et terminis* izda mhux li jipprezenta risposta ta' l-appell, *stante* li t-terminu skada.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2003 fejn il-Qorti ordnat li jigi allegat il-*file* tal-appell ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar. Dr. Stafrace obbliga ruhu li jiehu hsieb l-allegazzjoni ta' dan il-*file*.

Rat l-erba' noti tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datati 9 ta' Mejju 2003 fejn permezz taghha

esebixxa *animo ritirandi* l-*files* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet "Antonio Giannetti kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar" deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2003 fejn Dr. Fenech Adami taha ruhu b'notifikat bir-rikors ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Il-Qorti pprefiggietlu terminu ta' ghoxrin (20) gurnata ghal risposta. Dr. Zrinzo Azzopardi talab li jaghmel nota t'osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' hamsin (50) gurnata lill-intervenut fil-kawza biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontropartijiet li jkollhom sad-data tad-differiment li jmiss biex jirrispondu;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2003 fejn il-Qorti ddikjarat l-appell dezert *ai termini* ta' l-artikolu 220 (2);

Rat ir-rikors ta' Antonio Giannetti datat 14 ta' Ottubru 2003 fejn talab lill-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tat-13 ta' Ottubru 2003 u tirriappunta l-appell;

Rat id-digriet sussegwenti fejn il-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat l-appell ghall-finali trattazzjoni;

Rat il-verbali ta' l-24 ta' Novembru 2003 fejn Dr. Raphael Fenech Adami nforma lill-Qorti li se jipprezenta nota ta' rikuza; u tal-21 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti ddikjarat l-appell dezert *ai termini* ta' l-**artikolu 209 (2) tal-Kap. 12;**

Rat ir-rikors ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat 23 ta' Jannar 2004 fejn talbet lill-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-21 ta' Jannar 2004 u tirriappunta l-appell ghas-smigh;

Rat id-digriet tat-28 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat l-appell ghas-smigh;

Rat il-verbal tat-30 ta' Marzu 2004 fejn il-Qorti kkonfermat li r-rikors ta' l-appell ta' Antonio Giannetti (19/02) kien dezert u baqa` dezert, *stante* malintiz li sar fit-*typing* tad-digriet; u tas-27 ta' April 2004 fejn Antonio Giannetti u Dr Raphael Fenech Adami msejhin diversi drabi baqghu ma

dehrux. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-26 ta' Ottubru 2004;

Rat id-digrieti ta' din il-Qorti fejn il-kawza giet giet differita ghat-30 ta' Novembru 2004 ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-intervenut Dr. Joseph M. Sammut a fol. 138A tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dinid-decizjoni hija limitata ghar-rikors ta' l-appell ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar datat l-1 ta' Lulju 2002 a fol. 39 sa fol. 41 tal-process.

Illi fir-rikors taghha l-Awtorita' appellanti qed titlob il-konferma tas-sentenza appellata ad eccezzjoni ta' dak li ntqal f'fol. 63 u 64 tad-decizjoni moghtija mill-Bord senjatament fejn il-Bord ikkonkluda illi d-Direttorat ikkommetta zball gravi peress illi skond l-**artikolu 33 (1) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp** l-istess Direttorat kellu jinforma lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp bl-oggezzjoni tat-*third party objector*, liema nformazzjoni, skond l-istess Bord, id-Direttorat ma tax lill-Kummissjoni, bir-rizultat li l-Kummissjoni giet zgwidata meta harget il-permess lil Giannetti.

Illi skond l-Awtorita' l-Bord iddecieda hazin u nterpreta l-provvedimenti tal-ligi hazin meta kkonkluda li d-Direttorat zgwida lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u kiser il-provvediment tal-ligi. *Inoltre* sostniet li bhala fatt ghalkemm l-oggezzjoni tat-*third party* ma saritx fid-DPA report kien hemm minuta dwarha fil-*file* li kien a dispozizzjoni tal-Kummissjoni. Kwindi ladarba l-istess Direttorat kien gab a konjizzjoni tal-Kummissjoni din l-oggezzjoni allura l-argument tal-Bord huwa zbaljat kemm bhala fatt kif ukoll fl-interpretazzjoni tieghu ta' l-**artikolu 33 (1) ta' l-Att ta' l-1992**.

Illi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu l-intervenut Dr Joseph M. Sammut sostna li l-appell intavolat mill-Awtorita' mhux punt ta' ligi kif rikjest mill-**artikolu 15 (2) ta' l-Att 1 ta' l-1992**. Il-Bord kull ma ghamel huwa li ezamina sewwa l-files tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex jifhem il-*case history* ta' l-applikazzjonijiet kolja li ssottometta Antonio Giannetti. Imbaghad kompla billi ghamel oservazzjoni ta' kif kellhom jimxu l-affarijiet u ma esprimiex ruhu in gudizzju.

Illi l-**artikolu 15 (2) ta' l-Att Numru 1 tal-1992**, kif sussegwentement emendat, jghid testwalment illi:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-artikolu 41 (6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Mugliett vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-31 ta' Mejju, 1996 inghad illi:

*"Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss u unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun diga' qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu".*

Illi ukoll fil-kawza **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju, 1996 inghad ukoll illi:-

*“Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunx espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi disposizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici ennunzjazzjoni ta' xi disposizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghall-appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata”.*

Illi fl-istess imsemmija sentenza ta’ **“Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp”** inghad illi:-

*“Il-ligi tghid espressament fl-**artikolu 15(2)** li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar:*

*“punti ta' ligi decizi mill-Bord" (illum taqra hekk wara l-emendi li saru - punti ta’ ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu). Dwar dawn biss hemm appell lil din il-Qorti, li bosta drabi ddecidiet li meta l-legislatur juza’ kliem bhal dan, ma hemmx dritt ta' appell fuq is-semplici applikazzjoni tal-ligi (li tigi citata fid-decizjoni appellata) ghall-fatti tal-kaz”.*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **“Tony Zahra vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ L-Izvilupp”** (A.C. 6 ta’ Mejju 1998) u cjoe’:-

*“Dan kollu qieghed jinghad ghall-kompletezza, billi anke kieku fl-ipotesi li dawn il-fatturi ma gewx espressament imsemmija fid-decizjoni appellata u/jew ma gewx kummentati mill-Bord, xorta wahda ma jkunx hemm il-possibilita’ ta’ aditu b’success lil din il-Qorti. Dan billi l-ligi taghti dritt ta’ appell biss u tassattivament, fuq punt ta’ ligi li jkun gie deciz mill-Bord”.*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid b'mod mill-iktar car il-limiti li l-appell skond id-disposizzjonijiet imsemmija taht l-**Att Numru I tal-1992** huma permessibbli u cjoe":-

*"Il-Qorti qeghda taghmel din l-osservazzjoni ghaliex il-gurisdizzjoni ta' din l-Qorti, f'appelli bhal dawn cjoe' taht l-Att Numru I tal-1992 konsegwentement hija limitata hafna. Din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrivedi u tirrimedja ghal kwalunkwe mankanza, immaginata jew reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. Invece, din il-Qorti tista' u ghandha tintervjeni biss fil-kazijiet li jolqtu direttament xi punt ta' ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord. Evidentement l-aggravju li l-Bord naqas li jaghti d-debita konsiderazzjoni lil xi fatturi relevanti jew anke li l-Bord ha in konsiderazzjoni xi fatti rrelevanti, ma jikkostitwixxux punt ta' dritt deciz mill-Bord u ghalhekk ma jaghtux lok ta' appell lil din il-Qorti taht il-ligi msemmija. Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni ma hijiex sindikabbli minn din l-Qorti f'appelli bhal dawn".*

Illi a bazi tal-premess, jidher li s-sitwazzjoni hija ben definita, u din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li ovvjament hija nnfisha tosserva l-istess, ghaliex l-awtorita' taghha hija hekk limitata bil-ligi, ligi specjali li fiha nfisha hija cara u li tillimita b'mod mill-aktar tassattiv il-gurisdizzjoni taghha bhala Qorti ta' l-Appell fuq punt ta' dritt; dan ma jfissirx li l-persuna aggravata b'decizjoni tal-Bord ma ghandhiex rimedji ohra li tista' anke ssegwi wkoll quddiem il-Qrati ordinarji, u anke Qrati ta' kompetenza kostituzjonali, pero' certament li mhux fl-ambitu ta' appell minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell lil din il-Qorti taht id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 15 (1) ta' l-Att I ta' l-1992,** dment li tali appell ma jaqax kif hemm indikat b'mod mill-iktar skjett u definit.

Illi a bazi ta' dawn l-insenjamenti, jinghad li l-appell interpost mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar ma jinkwadrax ruhu taht punt ta' ligi.  Dan ghaliex l-appell ta' l-Awtorita' huwa bbazat fuq punti ta' fatt u mhux fuq punt ta' dritt deciz mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Ineffetti l-Awtorita' qed

isostni li meta l-Bord qal li d-Direttorat mexa hazin mal-Kummissjoni peress li fir-rapport tieghu lilha ma nkludiex l-oggezzjoni tat-terza persuna li kienet qed toggezzjona ghall-izvilupp propost, dan kien zbaljat ghaliex in verita' tali oggezzjoni kienet ingibhet a konjizzjoni tal-Kummissjoni permezz ta' minuta tal-Perit Gorg Cilia datata 31 ta' Mejju 1994, anke jekk tali ittra ma kienitx indikata fir-rapport *ut sic.*

Illi huwa car li hawn wiehed qed jitkellem sempliciment dwar ragunar li l-istess Bord ta' l-Appell ghamel dwar il-fatt li rrizultawlu quddiemu mill-proceduri li kienu saru sa dak iz-zmien quddiem il-Kummissjoni u quddiemu, involuti wkoll id-diversi organi ta' l-Awtorita', u certament din l-osservazzjoni hija biss konstatazzjoni, tajjeb jew hazin ta' fatt jew fatti li ghamel l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, dwar il-kontenut tar-rapport li kien gie pprezentat lill-Kummissjoni, f'liema rapport jidher li l-oppozizzjoni tat-terza persuna ma' kienitx inkluza – ghalkemm jidher li kien hemm il-minuta tal-Perit Gorg Cilia.
Illi jidher ukoll li kull ma ghamel il-Bord ta' l-Appell huwa biss li ghar-ragunijiet tieghu ivvaluta tali rapport quddiemu u indika dak li huwa hass li bhala fatt kienu n-nuqqasijiet tieghu, inkluz l-osservazzjoni fuq kollox logika li huwa ppretenda li fl-istess rapport kellu jkun hemm inkluza l-oggezzjoni tal-persuna li kienet qed toggezzjona ghall-applikazzjoni taht ezami. Certament li dan ma jinkwadrax ruhhu bhala punt ta' dritt.

Illi fil-fatt huwa minnu li l-istess Bord ta' l-Appell ghamel riferiment ghall-**artikolu 33 (1) tal-Kap 356,** izda bl-ebda mod ma jidher li hemm interpretazzjoni zbajata ta' l-istess, u kull ma jidher li ghamel l-istess Bord ta' l-Appell, fil-parti tas-sentenza citata mill-Awtorita' appellanti fl-appell taghha odjern, huwa biss li applika l-istess ligi ghall-fatti li huwa kkonstata – b'daqshekk dan ma' jrendix l-istess appell bhala punt ta' dritt – ghaliex dak li verament l-istess Awtorita' appellanti qed tikkontesta b'din il-procedura hija biss il-fatti konstatati mill-Bord ta' l-Appell dwar ir-rapport tad-Direttorat hemm indikat u xejn izjed. Certament li dan ma jikkwalifika qatt bhala appell validu quddiem din il-Qorti fil-kompetenza specjali u limitata taghha.

Illi dan huwa fil-fatt ikkonfermat mid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 33 (1) tal-Kap.356** li jipprovdi *"inter alia"* li:-

*" Biex l-Awtorita' tiddeciedi dwar applikazzjoni li ssirilha :-*

*(b) ghandha tqis –*
*(ii) is-sottomissjonijiet li jsiru b'risposta ghall-pubblikazzjoni tal-proposta ta' zvilupp."*

Illi allura dan ifisser li meta l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ghamel l-osservazzjoni fuq indikati u hawn trattati u dan ghall mod kif l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar dehrlu li d-Direttorat kellu jimxi mal-Kummissjoni ghall-Kontrol ta' l-Izvilupp, certament li ma' kien hemm l-ebda interpretazzjoni zbaljata tal-ligi.

Illi jinghad biss ghall-grazzja ta' l-argument, li fil-verita' l-istess Awtorita' fir-rikors taghha odjern qalet u ammettiet li huwa u kien minnu li l-oggezzjoni tat-terza persuna ma ssemmietx fir-rapport tad-Direttorat u li kien hemm biss referenza ghall-ittra fil-minuta ndikata. F'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju ghal din il-Qorti, li l-Bord ta' l-Appell kull ma ghamel kien biss li kkonstata l-fatti skond kif rahom huwa, u din hija fil-kompetenza eskussiva tieghu u applika l-ligi. Kif diga' ntqal din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni li tissindaka l-interpretazzjoni tal-fatti moghtija mill-Bord.

Illi dan apparti l-fatt li certament li l-mod kif tali appell gie propost ma huwiex idoneju u lanqas jidher li huwa permessibbli mill-ligi, u f'dan il-kuntest wkoll din il-Qorti thoss li l-appell ta' l-Awtorita' f'dan il-kaz kien frivolu u vessatorju.

Illi ghalhekk l-appell interpost mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghandu jigi michud u s-sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ghandha tigi kkonfermata.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad l-appell interpost mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fir-rikors ta' l-appell taghha taghha datat l-1 ta' Lulju 2002,** *stante* li l-istess li huwa nsostenibbli u nfondat fil-fatt u fid-dritt kif fuq premess, u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Antonio Giannetti vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** datata 14 ta' Gunju 2002.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------